# IL-BANDA L'ISLE ADAM QABEL L-1860

Mhux l-ewwel darba li qiegħed nikteb fuq dan is-suġġett, jiġifieri li għandna provi ċari li l-Banda L'Isle Adam tar-Rabat ta' l-Imdina kienet teżisti wisq qabel l-1860.

Fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1983 f'paġni 31-34 tajt provi dokumentati kif fl-1800 il-Banda tagħna kienet diġà tagħti s-servizzi tagħha f'akkademja, kunċert u ballu fl-Imdina. Spjegajt ukoll kif għal-12 -il sena wara xulxin (1802-1813) din il-banda ħadet sehem fit-tiġrijiet ta' l-Imnarja fir-Rabat. Rajna wkoll kif f'Jannar 1808 l-istess banda ħadet sehem fil-purċissjoni ta' Sant'Antnin mill-Għarb sar Rabat f'Għawdex.

Illum ser nippublikaw żewġ dokument oħra fuq dan is-suġġet, li ġew f'idi matul din l-aħħar sena.

Jekk wieħed jiftaħ il-ktieb li hareġ ftit tax-xhur ilu, mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina taż-Żurrieq, f'paġna 151 isib dan li ġej:

M'għandniex nifhmu però illi fost dawn il-ħafna elementi mużikali ma' kienx hemm ukoll dawk intunati u armoniċi. Tant hu hekk illi fis-snin 1814-1816 il-prokuratur Dun Ġużepp Farrugia ma jirreferix biss għall 'La Banda' fil-festa ta' Sant Katarina iżda jżid jgħid li din kienet il-Banda tar-Rabat. (433) akatarx predeċessura tal-Banda L'Isle Adam, imwaqqfa formalment fl-1860 minn Indrin Borg, u antikament magħrufa wkoll bħala l-Banda Tar-Rabat. (434) Din il-banda jidher li anke f'dawk iż-żminijiet, kellha fiha elementi tajbin, tant illi fl-1815 wieħed mill-bandisti kien ħa ħsieb ukoll idoqq l-orgni tal-Knisja taż-Żurrieq waqt il-funzjonijiet sagri (435); il-prokuratur kien iħallashom bejn 12 u 15 il-skun. (436).

(433) Banda del Rabbato... alla Banda delle Medina.... alla Banda della Notabile.... A.P.Z. Casal Zurico Libro Esito della Ven da Lampada, 1792-1851, 37v-43r passim.

Minn dan juri li għal sentejn 1814-1816 il-banda tar-Rabat jew ta' l-Imdina (għax kif ġieli spjegajt, qabel 1869 ma kienx hemm ħtieġa li l-Banda iġġib xi isem). Ta' dan grazzi lis-sinjuri Anthony Mangion u Karmenu Zerafa li bl-istudju dettaljat u dokumentat waslu biex tawna minjiera ta' tagħrif inġenerali bil-kitba tagħhom fil-ktieb: Santa Katarina - il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq. Ktieb b'470 paġna.

Dokument ieħor li sibt hu mill-ktieb tal-festa tal-madonna tal-karmnu ta' l-Imdina.



**Ritratt li jinsab fis-sala tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam, juru lill-banda u is-Surmast tagħha Carmelo Spiteri mill-Imdina. Ritratt meħud C. 1880**

F' paġna 25 insibu l-ispejjes li ntefqu fil-festa ta' 1835, meħud mill-"Liber Exitus" 1827-1843 p.424-428. Fost l-oħrajn hemm li l-Banda ħadet 11 Scudi u 6 Tari ghas-servizz tagħha f'dik il-festa.

Scud iġib xi 8c 3m tal-lum jiġifieri l-Banda ħadet xi 95c 5m.

**Fejn daqqet il-banda L'Isle Adam qabel l-1860:**

1800 - Imdina, fil-Karnival

1800 - Imdina, festa ta' Corpus u fl-Ottava.

1800 - Imdina, festa ta' San Pietru u San Pawl

1802 - Rabat, fit-tiġrijiet ta' l-Imnarja

1805 - 1818 mill-Imdina sar-Rabat ghat-tigrijiet ta' l-Imnarja, fl-1813 it-tiġrijiet ma sarux minħabba l-marda tal-pesta.

1808 - Għawdex, fil-festa - purċissjoni ta' Sant' Antnin mill-Għarb għar-Rabat.

1814 u 1816 - Żurrieq, fil-festa ta' Santa Katarina

1835 - Imdina, festa tal-Madonna tal-Karmnu

1856 - Għawdex, fil-festa ta' San Lwiġi, hawn tis-semma li l-Banda Maltija kienet taħt id-direzzjoni ta' Lwiġi Caruana.

Għadni qed nistudja dokument ieħor, meta il-Banda L'Isle Adam daqqet qabel l-1860 f' Ħaż-Żebbuġ għal-festa ta' San Filep.

# ŻEWĠ PROGRAMMI ANTIKI

## PROGRAMME OF MUSIC

PERFORMED AT

CITTA' VECCHIA

*ON WEDNESDAY, 19th MARCH 1873*

BY THE BAND

**52nd Light Infantry.**

### Part First.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Overture .. | *L' Italiana in Algeri* .. .. .. | ROSSINI. |
| 2. | Quadrille .. | *La Grand Duchesse* .. .. .. | STRAUSS. |
| 3. | Selection .. | *Giovanna d' Arco* .. .. .. .. | VERDI. |
| 4. | Valse .. .. | *Language of Flowers* .. .. .. | COOTE. |
| 5. | Duetto. .. | *I Masnadieri* .. .. .. .. | VERDI. |
| 6. | Valse .. .. | *Die Pancakelew* .. .. .. | GUNG'L. |
| 7. | Selection .. | *Jone* .. .. .. .. | PETRELLA. |
| 8. | Galop .. .. | *The Ladies Own* .. .. .. .. | PHILIPPE. |

### Part Second.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Quadrille .. | *Un Ballo in Maschera.* .. .. | MARRIOT. |
| 2. | Cavatina .. | *Giovanna d' Arco* .. .. .. .. | VERDI. |
| 3. | Valse .. .. | *Maltese Cross.* .. .. .. .. | JONES. |
| 4. | Reminiscences of Verdi. | .. .. .. .. .. | GODFREY. |
| 5. | Quadrille .. | *Spanish Beauty* .. .. .. .. | KELLE. |
| 6. | Valse .. .. | *London Society* .. .. .. .. | COOTE. |
| 7. | Selection .. | *Nabucodonosor* .. .. .. .. | VERDI. |
| 8. | Galop .. .. | *Narren* .. .. .. .. .. | KUHNER. |

H. F. EMBURY.

*Band Master.*

## ST. PAUL'S FESTIVITIES

**25th January, 1930**

**L'Isle Adam Civic Band**

**on Piazza Sakkajja - Notabile**

from 4 p.m.

**PROGRAMME.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Overture **EROICA** | GIRARDON. |
| 2. | Act. III. **TOSCA** | PUCCINI. |
| 3. | Hugarian Rapsody No.2 | LISTZ. |
| 4. | Hymn to the Sun **IRIS** | MASCAGNI. |
| 5. | Symphonic March **ALBA D'AMORE** | GIUMARRA. |

Hymn "L'ISLE ADAM"

**GOD SAVE THE KING.**

**Mro. S. Mallia,**
*Conductor.*

N B —No 1.2 & 3 reduced for Band by Mro. E. Bartoli.

**Programm li xi Baned tas-Servizzi stazzjonati f' Malta ta' kull sena kienu jdoqqu għal festa ta' San Ġużepp. Dan il-programm għandu 117-il sena.**

**Programm antik li l-banda L'Isle Adam għamlet sittin sena ilu għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl.**